REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1409

tat-18 ta' Awwissu 2022

li jikkonċerna r-regoli dettaljati dwar il-kundizzjonijiet għall-operar tas-servizz web u r-regoli tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* applikabbli għas-servizz web kif ukoll miżuri għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni teknika tas-servizz web u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1224

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(7), l-Artikolu 13a u l-Artikolu 36, l-ewwel paragrafu, il-punt (h) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (ir-Regolament (VIS) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45c(3), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 45c(5), it-tieni paragrafu u l-Artikolu 45d(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ għall-ħżin u r-reġistrazzjoni elettronika tad-data, il-ħin u l-post tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitħallew jew jiġu rifjutati jidħlu għal soġġorn qasir fit-territorju tal-Istati Membri u jikkalkula t-tul ta' żmien tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 jistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża għall-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, u dwar id-deċiżjoni meħuda biex il-viża tiġi annullata, revokata jew estiża.

(3) L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) (eu-LISA) hija inkarigata mill-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, u mill-ġestjoni operattiva tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1224 ([4]) stabbilixxa l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tas-servizz web previsti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni u s-sigurtà tad-*data*. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet iqisu wkoll il-vjaġġaturi eżenti mill-viża fis-sens tal-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Dawk l-ispeċifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiġu adattati billi jitqiesu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża għal soġġorn qasir, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza fis-sens tal-Artikolu 45c tar-Regolament (KE) Nru 767/2008. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament għandu jiġi sostitwit.

([1]) ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20.

([2]) ĠU L 218,13.8.2008, p. 60.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1224 tas-27 ta' Lulju 2021 dwar ir-regoli dettaljati dwar il-kundizzjonijiet għall-operat tas-servizz web u r-regoli tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà applikabbli għas-servizz web kif ukoll miżuri għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni teknika tas-servizz web previsti mir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)1230 (ĠU L 269, 28.7.2021, p. 46).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

(5) L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226 jirrikjedi li t-trasportaturi jużaw is-servizz web biex jivverifikaw jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viża għal soġġorn qasir maħruġa għal dħul wieħed jew għal żewġ daħliet ikunux diġà użaw l-għadd ta' daħliet awtorizzati mill-viża tagħhom.

(6) L-Artikolu 45c(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 jirrikjedi li t-trasportaturi tal-ajru, it-trasportaturi tal-baħar u t-trasportaturi internazzjonali li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-kowċ jużaw il-gateway tat-trasportaturi biex jivverifikaw jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal viża għal soġġorn qasir, viża għal tranżitu fl-ajruport jew li huma meħtieġa li jkollhom viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza jkunux fil-pussess ta' viża valida għal soġġorn qasir, viża għal tranżitu fl-ajruport, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza.

(7) Sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jivverifikaw jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal rekwiżit ta' viża jew li huwa meħtieġ li jkollu viża għal tranżitu fl-ajruport, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza, huwiex fil-pussess ta' viża valida jew permess ta' residenza validu, jenħtieġ li dawn ikollhom aċċess għas-servizz web. It-trasportaturi jenħtieġ li jaċċessaw is-servizz web permezz ta' skema ta' awtentikazzjoni u jkunu jistgħu jibagħtu u jirċievu messaġġi f'format li għandu jiġi ddeterminat mill-eu-LISA.

(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli tekniċi dwar il-format tal-messaġġi u l-iskema ta' awtentikazzjoni sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jikkonnettjaw u jużaw is-servizz web li għandu jiġi speċifikat fil-linji gwida tekniċi, li jkunu parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226, li għandhom jiġu adottati mill-eu-LISA.

(9) It-trasportaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jindikaw li l-passiġġieri jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u f'dan il-każ it-trasportaturi jenħtieġ li jirċievu tweġiba awtomatika "Mhux applikabbli" mis-servizz web, mingħajr ma jressqu talba lill-bażi tad-*data* li tinqara biss u mingħajr ma jirreġistraw.

(10) Il-Kummissjoni, l-eu-LISA u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jinfurmaw lit-trasportaturi kollha magħrufa dwar kif u meta jistgħu jirreġistraw. Wara li titlesta b'suċċess il-proċedura ta' reġistrazzjoni kif ukoll, fejn rilevanti, wara li jitlesta b'suċċess l-ittestjar, l-eu-LISA jenħtieġ li tqabbad lit-trasportatur mal-interfaċċa tat-trasportaturi.

(11) Jenħtieġ li t-trasportaturi awtentikati jagħtu aċċess biss għas-servizz web lill-persunal debitament awtorizzat.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi regoli dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-iskema ta' awtentikazzjoni.

(13) Sabiex jiġi żgurat li t-talba għal verifika tkun ibbażata fuq informazzjoni, li tkun kemm jista' jkun aġġornata, jenħtieġ li t-talbiet jiddaħħlu mhux qabel 48 siegħa qabel il-ħin skedat tat-tluq.

(14) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għat-trasportaturi tal-ajru, it-trasportaturi bil-baħar u t-trasportaturi internazzjonali li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-kowċ, li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri. Il-kontrolli fuq il-fruntiera għad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri jistgħu jipprečedu l-imbarkazzjoni. F'każijiet bħal dawn, it-trasportaturi jenħtieġ li jinħelsu mill-obbligu li jivverifikaw l-istatus tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-vjaġġaturi.

(15) It-trasportaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal formola tal-web minn sit web pubbliku li tippermettilhom jitolbu assistenza. It-trasportaturi, meta jitolbu assistenza, jenħtieġ li jirċievu konferma tar-riċevuta li jkun fiha n-numru tal-biljett. L-eu-LISA jew l-Unità Ċentrali tal-ETIAS ikunu jistgħu jikkuntattjaw lit-trasportaturi li jkunu rċevew biljett bi kwalunkwe mezz meħtieġ, inkluż bit-telefon, sabiex jipprovdu r-rispons adegwat. Huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli dettaljati ulterjuri sabiex din l-assistenza tiġi pprovduta mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS kif previst fl-Artikolu 13a tar-Regolament (UE) 2017/2226.

(16) Ġaladarba r-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jimxu fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, innotifikat id-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament (UE) 2021/1134 fil-liġi nazzjonali tagħha. Għalhekk hija marbuta b'dan ir-Regolament.

(17) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom ([7]). Għalhekk l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(18) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([8]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A u B, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([9]).

(19) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([10]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A u B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([11]).

(20) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([12]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([13]).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

([7]) Dan ir-Regolament ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([8]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([10]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([12]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(21) Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, b'rabta mad-dispożizzjonijiet taħt dan l-att li jikkonċernaw ir-Regolament (UE) 2017/2226, id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen iddaħħlu fis-seħħ permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 ([14]); id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ddaħħlu fis-seħħ permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 ([15]), il-kundizzjonijiet kollha għall-operar tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ stabbiliti fl-Artikolu 66(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2017/2226 huma ssodisfati u dawk l-Istati Membri jenħtieġ għalhekk joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ mill-bidu tal-operazzjonijiet kif deċiż f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Id-dispożizzjonijiet taħt dan l-att jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, jikkostitwixxu att li jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen jew li huwa altrimenti relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005.

(22) Fir-rigward ta' Ċipru u l-Kroazja, b'rabta mad-dispożizzjonijiet taħt dan l-att li jirrigwardaw ir-Regolament (UE) 2017/2226, l-operar tas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ jirrikjedi l-għoti ta' aċċess passiv għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u li jitpoġġew fis-seħħ id-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill rilevanti. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu ssodisfati biss ladarba l-verifika skont il-proċedura ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli tkun tlestiet b'suċċess. Jenħtieġ li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tiġi operata biss minn dawk l-Istati Membri li jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet fil-bidu tal-operar tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin iħaddmu s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ mill-bidu tal-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu konnessi mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament 2017/2226 ladarba jiġu ssodisfati dawk il-kundizzjonijiet kollha.

(23) Fir-rigward ta' Ċipru, id-dispożizzjonijiet taħt dan ir-Regolament li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, jikkostitwixxu att li jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen jew li huwa altrimenti relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

(24) Fir-rigward tal-Kroazja, id-dispożizzjonijiet taħt dan ir-Regolament li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, jikkostitwixxu att li jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen jew li huwa altrimenti relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011.

(25) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) u ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Marzu 2022.

(26) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) ir-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati għall-operar tas-servizz web u r-regoli tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-*data* applikabbli għas-servizz web previsti fl-Artikolu 13(1) u (3) u l-Artikolu 36, l-ewwel paragrafu, il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2017/2226 u fl-Artikolu 45c(3), ir-raba' subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/934/UE tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/1908/UE tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(b) skema ta' awtentikazzjoni għat-trasportaturi biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 45c(5), it-tieni paragrafu tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 kif ukoll regoli u kundizzjonijiet dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni tat-trasportaturi mal-iskema ta' awtentikazzjoni;

(c) dettalji tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fejn ikun teknikament impossibbli għat-trasportaturi li jaċċessaw is-servizz web skont l-Artikolu 45d(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "interfaċċa tat-trasportaturi" tfisser is-servizz web li għandu jiġi żviluppat mill-eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 fejn jintuża għall-finijiet tal-Artikolu 13(3) ta' dak ir-Regolament u l-gateway tat-trasportaturi msemmija fl-Artikolu 45c(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u li tikkonsisti minn interfaċċa tal-IT konnessa ma' bażi tad-*data* li tinqara biss;

(2) "linji gwida tekniċi" tfisser il-parti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, imsemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226, li hija rilevanti għat-trasportaturi għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' awtentikazzjoni u għall-iżvilupp tal-format tal-messaġġi tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament;

(3) "persunal debitament awtorizzat" tfisser impjegati tat-trasportatur jew ingaġġati kuntrattwalment minnu jew minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi oħra li jaġixxu taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' dan it-trasportatur, inkarigati li jivverifikaw jekk l-għadd ta' daħliet awtorizzati minn viża jkunx diġà ntuża f'isem it-trasportatur, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226 u mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, biex jiġi vverifikat jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal viża għal soġġorn qasir jew li huma meħtieġa li jkollhom viża għal soġġorn twil, il-viża għal tranżitu fl-ajruport jew permess ta' residenza jkunux fil-pussess ta' viża valida għal soġġorn qasir, viża valida għal soġġorn twil, viża valida għal tranżitu fl-ajruport jew permess ta' residenza, kif applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 45c(1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Artikolu 3

Obbligi tat-trasportaturi

1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ sal-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-trasportaturi għandhom jibagħtu talba biex jivverifikaw jekk fil-każ ta' viża għal dħul wieħed jew viża għal dħul doppju, l-għadd ta' daħliet awtorizzati minn viża jkunx diġà ntuża kif imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226 ("talba għal verifika") permezz tal-interfaċċa tat-trasportaturi.

2. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-trasportaturi għandhom jagħtu bidu għal talba permezz tal-interfaċċa tat-trasportaturi, biex jivverifikaw jekk:

(a) fil-każ ta' viża għal soġġorn qasir, in-numru ta' daħliet awtorizzati mill-viża jkunx diġà ntuża jew jekk id-detentur tal-viża jkunx laħaq is-soġġorn massimu awtorizzat, kif imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

(b) fil-każ ta' viża għal soġġorn twil, viża għal tranżitu fl-ajruport jew permess ta' residenza, il-viża jew il-permess ikunux validi kif imsemmi fl-Artikolu 45c(1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

3. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-trasportaturi għandhom jagħtu bidu għal talba għal verifika għall-viża għal soġġorn twil jew il-permess ta' residenza għal dawk il-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza maħruġa wara l-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. It-trasportaturi għandhom jiċċekkjaw manwalment il-viżi għal soġġorn twil u l-permessi ta' residenza maħruġa qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

4. It-talba għal verifika għandha tintbagħat mhux qabel 48 siegħa qabel il-ħin skedat tat-tluq.

5. It-trasportaturi għandhom jiżguraw li l-persunal debitament awtorizzat biss ikollu aċċess għall-interfaċċa tat-trasportaturi. It-trasportaturi għandhom jistabbilixxu mill-inqas il-mekkaniżmi li ġejjin:

(a) mekkaniżmi għall-kontroll tal-aċċess fiżiku u loġiku għall-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat għall-infrastruttura jew għas-sistemi użati mit-trasportaturi;

(b) l-awtentikazzjoni;

(c) l-irreġistrar biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-aċċess;

(d) ir-rieżami regolari tad-drittijiet ta' aċċess.

Artikolu 4

Konnessjoni u aċċess għall-interfaċċa tat-trasportaturi

1. It-trasportaturi għandhom jikkonnettjaw mal-interfaċċa tat-trasportaturi permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) konnessjoni man-network dedikat;

(b) konnessjoni tal-Internet.

2. It-trasportaturi għandhom jaċċessaw l-interfaċċa tat-trasportaturi permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) interfaċċa ta' bejn is-sistemi (Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet);

(b) interfaċċa tal-web (browser);

(c) applikazzjoni għal apparati mobbli.

Artikolu 5

Talbiet

1. Sabiex tintbagħat talba għal verifika, it-trasportatur għandu jipprovdi d-*data* li ġejja dwar il-vjaġġatur:

(a) il-kunjom (isem il-familja); l-ewwel isem jew ismijiet (l-ismijiet mogħtija);

(b) id-data tat-twelid; is-sess; in-nazzjonalità;

(c) it-tip u n-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar;

(d) id-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar;

(e) id-data skedata tal-wasla fil-fruntiera ta' Stat Membru li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ jew ta' Stat Membru li ma japplikax l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ iżda li jopera s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ;

(f) waħda minn dawn li ġejjin:

(1) l-Istat Membru tad-dħul skedat li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ

(2) meta jkun jista' jiġi identifikat l-Istat Membru tad-dħul skedat, l-ajruport fl-Istat Membru tad-dħul li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ;

(3) l-Istat Membru tad-dħul skedat li ma japplikax l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ iżda li jopera s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ;

(4) meta jkun jista' jiġi identifikat l-Istat Membru tad-dħul skedat, l-ajruport fl-Istat Membru tad-dħul li ma japplikax l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ iżda li jopera s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ;

(5) mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, fil-każ ta' tranżitu fl-ajruport, l-Istat Membru ta' tranżitu għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża għal tranżitu fl-ajruport f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]), fejn applikabbli;

([17]) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

(g) id-dettalji (id-data u l-ħin lokali tat-tluq skedat, in-numru ta' identifikazzjoni, fejn disponibbli, jew mezzi oħra għall-identifikazzjoni tat-trasport) tal-mezzi tat-trasport użati għall-aċċess tat-territorju ta' Stat Membru li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ jew tal-Istat Membru li ma japplikax l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ iżda li jopera s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

It-trasportatur jista' jipprovdi wkoll in-numru tal-viża għal soġġorn qasir, tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza.

2. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, meta d-destinazzjoni ma tkunx tista' tintlaħaq b'viża ta' dħul wieħed, it-trasportatur, meta jissottometti t-talba għal verifika, għandu jipprovdi informazzjoni li l-itinerarju jinkludi żewġ daħliet fl-Istati Membri.

Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, meta d-destinazzjoni ma tkunx tista' tintlaħaq b'viża ta' dħul wieħed, it-trasportatur, meta jissottometti t-talba għal verifika, għandu jipprovdi informazzjoni li l-itinerarju jinkludi żewġ daħliet jew aktar fl-Istati Membri.

3. Għall-finijiet li tingħata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti minn (a) sa (d), it-trasportaturi għandhom jitħallew jiskennjaw il-parti tad-dokument tal-ivvjaġġar li tinqara minn magna.

4. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ sal-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, meta l-passiġġier ikun eżenti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament jew ikun fi tranżitu fl-ajruport, it-trasportatur għandu jkun jista' jispeċifika dan fit-talba għal verifika.

Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-trasportatur għandu jkun jista' jispeċifika fit-talba għal verifika, meta:

(a) il-passiġġier ikun eżenti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, għajr għad-detenturi ta' permess ta' residenza skont l-Artikolu 2(3), il-punt (c) u d-detenturi ta' viżi għal soġġorn twil skont l-Artikolu 2(3), il-punt (e), jew

(b) fil-każ ta' tranżitu fl-ajruport, meta l-passiġġier ma jkunx meħtieġ li jkollu viża għal tranżitu fl-ajruport skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

5. It-trasportaturi għandhom ikunu jistgħu jibagħtu talba għal verifika għal passiġġier wieħed jew aktar. L-interfaċċa tat-trasportaturi għandha tinkludi t-tweġiba msemmija fl-Artikolu 6 għal kull passiġġier inkluż fit-talba.

Artikolu 6

Tweġiba

1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ sal-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, meta l-passiġġier ikun eżenti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, ikun fi tranżitu fl-ajruport jew ikun detentur ta' viża nazzjonali għal soġġorn qasir fis-sens tal-Artikolu 3(1), il-punt 10 ta' dak ir-Regolament, it-tweġiba għandha tkun "Mhux applikabbli". Fil-każijiet l-oħra kollha, it-tweġiba għandha tkun "OK" jew "Mhux OK".

2. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża:

(a) meta l-passiġġier ikun eżenti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, għajr għad-detenturi ta' permess ta' residenza skont l-Artikolu 2(3), il-punt (c) u d-detenturi ta' viżi għal soġġorn twil skont l-Artikolu 2(3), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, it-tweġiba għandha tkun "Mhux applikabbli";

(b) fil-każ ta' tranżitu fl-ajruport, meta l-passiġġier ma jkunx meħtieġ li jkollu viża għal tranżitu fl-ajruport skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, it-tweġiba għandha tkun "Mhux applikabbli";

(c) fil-każijiet l-oħra kollha, meta l-passiġġier ikun detentur ta' viża għal soġġorn qasir, viża għal soġġorn twil, permess ta' residenza jew viża għal tranżitu fl-ajruport, it-tweġiba għandha tkun "OK" jew "Mhux OK".

Meta talba għal verifika jkollha t-tweġiba "Mhux OK", l-interfaċċa tat-trasportaturi għandha tispeċifika li t-tweġiba tkun ġejja mis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jew mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

3. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ sal-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-tweġibiet għat-talbiet għal verifika għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża uniformi għal soġġorn qasir:

(1) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet (waħda jew tnejn) fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx: OK;

(2) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet (waħda jew tnejn) fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq: Mhux OK;

(3) meta l-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK;

(b) meta l-vjaġġatur ikun soġġett għall-obbligu tal-viża u ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-viża: Mhux OK;

(c) meta t-trasportatur jispeċifika li l-itinerarju jeħtieġ viża għal dħul doppju:

(1) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul doppju, valida għad-data tal-wasla u l-ebda waħda mid-daħliet ma tkun intużat: OK;

(2) meta l-vjaġġatur ma jkunx fil-pussess ta' viża għal dħul doppju: Mhux OK;

(3) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul doppju iżda tkun intużat mill-inqas daħla waħda: Mhux OK;

(4) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul doppju iżda mill-inqas daħla waħda ma tkunx valida għad-data tal-wasla: Mhux OK;

4. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-tweġibiet għat-talbiet għal verifika fil-każ li t-trasportatur jindika l-Istat Membru ta' tranżitu f'konformità mal-Artikolu 5(1)(f), il-punt (5), għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal tranżitu fl-ajruport:

(1) meta l-viża għal tranżitu fl-ajruport tikkorrispondi għaż-żona ta' tranżitu tal-ajruport tal-Istat Membru: OK;

(2) meta l-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK;

(3) meta l-viża tkun viża waħda għal tranżitu fl-ajruport u l-viża ma tkunx intużat: OK;

(4) meta l-viża tkun viża doppja għal tranżitu fl-ajruport u l-viża tkun intużat darba biss: OK; jew

(b) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal soġġorn qasir:

(1) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx u jkun fadal mill-inqas jum wieħed ta' soġġorn awtorizzat: OK;

(2) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq jew ma jkun fadal l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat: Mhux OK;

(3) meta l-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK; jew

(c) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal soġġorn qasir b'validità territorjali limitata:

(1) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx u jkun fadal mill-inqas jum wieħed ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' tranżitu jkun jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun valida l-viża b'validità territorjali limitata: OK;

(2) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx u jkun fadal mill-inqas jum wieħed ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' tranżitu ma jkunx jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun valida l-viża b'validità territorjali limitata: Mhux OK;

(3) Meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq jew ma jkun fadal l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' tranżitu jkun jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun valida l-viża b'validità territorjali limitata: Mhux OK;

(4) Meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq jew ma jkun fadal l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' tranżitu; ma jkunx jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih il-viża b'validità territorjali limitata tkun valida: MHUX OK;

(5) Tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK; jew

(d) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal soġġorn twil:

(1) meta l-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK;

(2) inkella: OK; jew

(e) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' permess ta' residenza:

(1) meta l-permess ta' residenza jkun skada, jew ikun ġie revokat inkella annullat: Mhux OK;

(2) inkella: OK.

5. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-tweġibiet għat-talbiet għal verifika fil-każ li t-trasportatur jindika l-Istat Membru tad-destinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(1)(f)(1)-(4), għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal soġġorn qasir:

(1) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx u jkun fadal mill-inqas jum wieħed ta' soġġorn awtorizzat: OK;

(2) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq jew ma jkun fadal l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat: Mhux OK;

(3) meta l-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK; jew

(b) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal soġġorn qasir b'validità territorjali limitata:

(1) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx u jkun fadal mill-inqas jum wieħed ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' dħul ikun jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun valida l-viża b'validità territorjali limitata: OK;

(2) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun għadu ma ntlaħaqx u jkun fadal mill-inqas jum wieħed ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' dħul ma jkunx jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun valida l-viża b'validità territorjali limitata: Mhux OK;

(3) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq jew ma jkun fadal l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' dħul ikun jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun valida l-viża b'validità territorjali limitata: Mhux OK;

(4) meta l-għadd awtorizzat ta' daħliet fuq il-viża jkun diġà ntlaħaq jew ma jkun fadal l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat, u meta l-Istat Membru ta' dħul ma jkunx jikkorrispondi għal wieħed mill-Istati Membri li għalih il-viża b'validità territorjali limitata tkun valida: MHUX OK;

(5) tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK;

(c) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' viża għal soġġorn twil:

(1) meta l-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata: Mhux OK;

(2) inkella: OK;

(d) meta l-vjaġġatur ikun id-detentur ta' permess ta' residenza:

(1) meta l-permess ta' residenza jkun skada, jew ikun ġie revokat inkella annullat: Mhux OK;

(2) inkella: OK;

(e) meta l-vjaġġatur ikun soġġett għall-obbligu tal-viża u ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-viża: Mhux OK;

(f) meta t-trasportatur jispeċifika li l-itinerarju ma jistax jitwettaq b'viża għal dħul wieħed:

(1) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul doppju, valida għad-data tal-wasla u l-ebda waħda mid-daħliet ma tkun intużat: OK;

(2) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul wieħed: Mhux OK;

(3) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul doppju iżda tkun intużat mill-inqas daħla waħda: Mhux OK;

(4) meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul doppju iżda mill-inqas daħla waħda ma tkunx valida għad-data tal-wasla: Mhux OK;

(5) Meta l-vjaġġatur ikun fil-pussess ta' viża għal dħul multiplu: OK.

6. Meta l-vjaġġatur ikun eżenti mill-viża jew il-vjaġġatur jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1240, japplikaw id-dispożizzjonijiet definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 4550 ([18]).

Artikolu 7

Format tal-messaġġi

L-eu-LISA għandha tispeċifika l-formati tad-*data* u l-istruttura tal-messaġġi li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni ta' talbiet għal verifika u t-tweġibiet għal dawn it-talbiet permezz tal-interfaċċa tat-trasportaturi fil-linji gwida tekniċi. L-eu-LISA għandha tipprevedi l-użu ta' minn tal-inqas il-formati tad-*data* li ġejjin:

(a) UN/EDIFACT;

(b) PAXLST/CUSRES;

(c) XML;

(d) JSON.

Artikolu 8

Rekwiżiti tal-estrazzjoni tad-data għall-interfaċċa tat-trasportaturi u s-servizz web għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kwalità tad-data

1. Id-*data* fuq viżi għal soġġorn qasir, viżi għal soġġorn twil, viżi għal tranżitu fl-ajruport, permessi ta' residenza u awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar maħruġa, annullati u revokati għandha tiġi estratta awtomatikament mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u tiġi trażmessa minn tal-inqas kuljum lill-bażi tad-*data* li tinqara biss.

2. L-estrazzjonijiet kollha tad-*data* fil-bażi tad-*data* li tinqara biss skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati.

3. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli mis-sigurtà tas-servizz web u tad-*data* personali li jkun fiha, u mill-proċess tal-estrazzjoni u t-trażmissjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 fil-bażi tad-*data* li tinqara biss. Id-dettalji tal-implimentazzjoni teknika għandhom jinsiltu mill-pjan ta' sigurtà, wara l-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju.

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 4550 li jistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet għat-talbiet għal verifika mit-trasportaturi, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tal-iskema ta' awtentikazzjoni tat-trasportaturi, kif ukoll il-proċeduri ta' riżerva f'każ ta' impossibbiltà teknika.

4. Ma għandux ikun possibbli li d-*data* mill-bażi tad-*data* li tinqara biss tiġi trażmessa lis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jew lis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

Artikolu 9

Skema ta' awtentikazzjoni

1. L-eu-LISA għandha tiżviluppa skema ta' awtentikazzjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* mit-tfassil u b'mod prestabbilit u l-prinċipji ta' kontroll fuq l-aċċess inkluż l-obbligu ta' rendikont, u li tippermetti li min jitlob il-verifika jiġi ntraċċat.

2. Id-dettalji tal-iskema ta' awtentikazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-linji gwida tekniċi.

3. L-iskema ta' awtentikazzjoni għandha tiġi ttestjata f'konformità mal-Artikolu 12.

4. Meta t-trasportaturi jaċċessaw l-interfaċċa tat-trasportaturi bl-użu tal-Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), l-iskema ta' awtentikazzjoni għandha tiġi implimentata permezz tal-awtentikazzjoni reċiproka.

Artikolu 10

Reġistrazzjoni mal-iskema ta' awtentikazzjoni

1. It-trasportaturi msemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2017/2226 u fl-Artikolu 45c(1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 li joperaw u jittrasportaw passiġġieri fit-territorju tal-Istati Membri għandu jkollhom l-obbligu li jirreġistraw qabel ma jiksbu aċċess għall-iskema ta' awtentikazzjoni.

2. L-eu-LISA għandha tagħmel disponibbli formola ta' reġistrazzjoni fuq sit web pubbliku li għandha timtela online. Is-sottomissjoni tal-formola ta' reġistrazzjoni għandha tkun possibbli biss meta l-kampijiet tad-*data* kollha jkunu mtlew b'mod korrett.

3. Il-formola ta' reġistrazzjoni għandha tinkludi kampijiet tad-*data* li jirrikjedu li t-trasportaturi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem legali tat-trasportatur kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt tiegħu (l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefon u l-indirizz postali);

(b) id-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant legali tal-kumpanija li titlob ir-reġistrazzjoni u tal-punti ta' kuntatt ta' riżerva (l-ismijiet, in-numri tat-telefon, l-indirizzi tal-posta elettronika u postali) kif ukoll l-indirizz tal-posta elettronika funzjonali u mezzi oħra ta' komunikazzjoni li t-trasportatur ikun beħsiebu juża għall-finijiet tal-Artikoli 13 u 14;

(c) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz li jkun ħareġ ir-reġistrazzjoni uffiċjali tal-kumpanija msemmija fil-paragrafu 6 u kwalunkwe numru ta' reġistrazzjoni disponibbli;

(d) meta t-trasportatur ikun hemeż, skont il-paragrafu 6, ir-reġistrazzjoni uffiċjali ta' kumpanija maħruġa minn pajjiż terz, l-Istati Membri li fihom it-trasportatur jopera jew ikun beħsiebu jopera sas-sena ta' wara.

4. Il-formola ta' reġistrazzjoni għandha tinforma lit-trasportaturi dwar ir-rekwiżiti minimi tas-sigurtà. It-trasportaturi għandhom jiżguraw il-konformità mal-objettivi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà relatati mal-konnessjoni mal-interfaċċa tat-trasportaturi;

(b) il-protezzjoni tal-ambjenti u tal-apparati konnessi mal-interfaċċa tat-trasportaturi;

(c) id-detezzjoni u l-analiżi tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà, ir-rispons għalihom u l-irkupru minnhom.

5. Il-formola ta' reġistrazzjoni għandha tirrikjedi li t-trasportaturi jiddikjaraw:

(a) li huma joperaw u jittrasportaw passiġġieri fit-territorju tal-Istati Membri jew li biħsiebhom jagħmlu dan fis-sitt xhur li ġejjin;

(b) li huma se jaċċessaw u jagħmlu użu mill-interfaċċa tat-trasportaturi skont ir-rekwiżiti minimi tas-sigurtà stabbiliti fil-formola ta' reġistrazzjoni, skont il-paragrafu 4;

(c) li l-persunal debitament awtorizzat biss ikollu aċċess għall-interfaċċa tat-trasportaturi.

6. Il-formola ta' reġistrazzjoni għandha tirrikjedi li t-trasportaturi jehmżu kopja elettronika tal-istrumenti tat-twaqqif tagħhom, inklużi fejn applikabbli, l-istatuti, kif ukoll kopja elettronika ta' estratt tar-reġistrazzjoni uffiċjali tal-kumpanija tagħhom minn tal-anqas Stat Membru wieħed, fejn applikabbli, jew minn pajjiż terz, b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew bl-Iżlandiż jew in-Norveġiż, jew tradotti uffiċjalment f'waħda minnhom. Kopja elettronika ta' awtorizzazzjoni sabiex kumpanija topera fi Stat Membru wieħed jew aktar, bħaċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru, tista' tissostitwixxi r-reġistrazzjoni uffiċjali tal-kumpanija.

7. Il-formola ta' reġistrazzjoni għandha tinnotifika lit-trasportaturi:

(a) li huma meħtieġa jinformaw lill-eu-LISA bi kwalunkwe bidla rigward l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu jew f'każ ta' bidliet tekniċi li jaffettwaw il-konnessjoni tagħhom, "minn sistema għal oħra", mal-interfaċċa tat-trasportaturi u li jistgħu jirrikjedu ttestjar addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 12, permezz ta' dettalji ta' kuntatt speċifiċi tal-eu-LISA li għandhom jintużaw għal dan il-għan;

(b) li huma awtomatikament jiġu dereġistrati mill-iskema ta' awtentikazzjoni jekk ir-reġistrazzjonijiet juru li t-trasportatur ma jkunx uża l-interfaċċa tat-trasportaturi matul perjodu ta' sena;

(c) li jistgħu jiġu dereġistrati mill-iskema ta' awtentikazzjoni f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, tar-rekwiżiti tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 4 jew tal-linji gwida tekniċi, inkluż f'każ ta' abbuż tal-interfaċċa tat-trasportaturi;

(d) li huma obbligati jinformaw lill-eu-LISA dwar kwalunkwe ksur ta' *data* personali li jista' jseħħ u jirrieżaminaw regolarment id-drittijiet ta' aċċess tal-persunal apposta tagħhom.

8. Meta l-formola ta' reġistrazzjoni tkun ġiet ippreżentata b'mod korrett, l-eu-LISA għandha tirreġistra t-trasportatur u tinnotifika lit-trasportatur li jkun ġie rreġistrat. Meta l-formola ta' reġistrazzjoni ma tkunx ġiet ippreżentata b'mod korrett, l-eu-LISA għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni u tinnotifika lit-trasportatur bir-raġunijiet.

L-eu-LISA għandha żżomm reġistru aġġornat tat-trasportaturi rreġistrati. Id-*data* personali tar-reġistrazzjoni tat-trasportaturi għandha tibqax aktar tard minn sena wara li t-trasportatur ikun ġie dereġistrat.

Artikolu 11

Dereġistrazzjoni mill-iskema ta' awtentikazzjoni

1. Meta trasportatur jinforma lill-eu-LISA li ma għadux jopera jew jittrasporta passiġġieri fit-territorju tal-Istati Membri, l-eu-LISA għandha tneħħi r-reġistrazzjoni tat-trasportatur.

2. Meta r-reġistrazzjonijiet juru li t-trasportatur ma jkunx uża l-interfaċċa tat-trasportaturi matul perjodu ta' sena, dan għandu jiġi awtomatikament dereġistrat.

3. Meta trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(5), jew ikun altrimenti kiser id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 10(4) jew il-linji gwida tekniċi, inkluż f'każ ta' abbuż tal-interfaċċa tat-trasportaturi, l-eu-LISA tista' tneħħi r-reġistrazzjoni tat-trasportatur.

4. L-eu-LISA għandha tinforma lit-trasportatur bl-intenzjoni tagħha li tneħħilu r-reġistrazzjoni skont il-paragrafi 1, 2 jew 3, flimkien mar-raġuni għad-dereġistrazzjoni, xahar qabel ma tneħħilu r-reġistrazzjoni. Qabel ma tneħħi r-reġistrazzjoni, l-eu-LISA għandha tagħti lit-trasportatur l-opportunità li jipprovdi kummenti bil-miktub.

5. F'każ ta' ħassib urġenti dwar is-sigurtà tal-IT, inkluż meta t-trasportatur ma jkunx qiegħed jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 10(4) jew mal-linji gwida tekniċi, l-eu-LISA tista' minnufih tneħħi l-konnessjoni tat-trasportatur. L-eu-LISA għandha tinforma lit-trasportatur li neħħietlu l-konnessjoni filwaqt li tagħtih ir-raġuni għal dan.

6. Sa fejn ikun xieraq, l-eu-LISA għandha tassisti lit-trasportaturi li jkunu rċevew notifika ta' dereġistrazzjoni jew ta' skonnessjoni biex jirrimedjaw għan-nuqqasijiet li wasslu għan-notifika u, fejn possibbli, għal żmien limitat u taħt kundizzjonijiet stretti, tipprovdi l-opportunità lit-trasportaturi skonnessi li jibagħtu t-talbiet għal verifika b'mezzi oħra differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 4.

7. It-trasportaturi skonnessi jistgħu jerġgħu jiġu konnessi mal-interfaċċa tat-trasportaturi wara li t-tħassib dwar is-sigurtà li jkun ta lok għall-iskonnessjoni jiġi eliminat b'suċċess. It-trasportaturi dereġistrati jistgħu jippreżentaw talba ġdida għar-reġistrazzjoni.

8. Fi kwalunkwe ħin wara r-reġistrazzjoni tat-trasportaturi skont l-Artikolu 10, l-eu-LISA tista', b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett motivat li trasportatur wieħed jew aktar qegħdin jabbużaw mill-interfaċċa tat-trasportaturi, jew li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(4), titlob informazzjoni mingħand l-Istati Membri jew mingħand pajjiżi terzi.

9. Meta l-formola ta' reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(2) ma tkunx disponibbli għal perjodu ta' żmien twil, l-eu-LISA għandha tiżgura li r-reġistrazzjoni, f'konformità ma' dan l-Artikolu, tkun possibbli permezz ta' mezzi oħra.

Artikolu 12

L-iżvilupp, l-ittestjar u l-konnessjoni tal-interfaċċa tat-trasportaturi

1. L-eu-LISA għandha tagħmel il-linji gwida tekniċi disponibbli għat-trasportaturi sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw u jittestjaw l-interfaċċa tat-trasportaturi.

2. Meta t-trasportaturi jagħżlu li jikkonnettjaw permezz tal-Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), għandha tiġi ttestjata l-implimentazzjoni tal-format tal-messaġġi msemmi fl-Artikolu 7 tal-iskema ta' awtentikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

3. Meta t-trasportaturi jagħżlu li jikkonnettjaw permezz tal-interfaċċa web (browser) jew tal-applikazzjoni għal apparati mobbli msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (b) u (c) rispettivament, huma għandhom jinnotifikaw lill-eu-LISA li ttestjaw b'suċċess il-konnessjoni tagħhom mal-interfaċċa tat-trasportaturi u li l-persunal debitament awtorizzat tagħhom ġie mħarreġ b'suċċess fl-użu tal-interfaċċa tat-trasportaturi.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-eu-LISA għandha tiżviluppa u tagħmel disponibbli pjan ta' ttestjar, ambjent ta' ttestjar u simulatur li jippermettu lill-eu-LISA u lit-trasportaturi jittestjaw il-konnessjoni tat-trasportaturi mal-interfaċċa tat-trasportaturi. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-eu-LISA għandha tiżviluppa u tagħmel disponibbli ambjent tal-ittestjar li jippermetti li t-trasportaturi jħarrġu lill-persunal tagħhom.

5. Malli tirnexxi l-proċedura ta' reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 kif ukoll malli jirnexxi l-ittestjar imsemmi fil-paragrafu 2 jew mal-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 3, l-eu-LISA għandha tikkonnettja lit-trasportatur mal-interfaċċa tat-trasportaturi.

Artikolu 13

Impossibbiltà teknika

1. Meta jkun teknikament impossibbli li tintbagħat talba għal verifika minħabba ħsara f'komponent tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jew tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk in-nuqqas jiġi identifikat minn trasportatur, hekk kif isir jaf bih, dan għandu jinnotifika lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 14;

(b) jekk il-ħsara tiġi identifikata jew ikkonfermata mill-eu-LISA, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinforma lill-Istati Membri u lit-trasportaturi kkonċernati b'din il-ħsara permezz tal-posta elettronika jew b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni, hekk kif issir taf b'dan, kif ukoll dwar meta tissewwa l-ħsara u tinstab soluzzjoni.

2. Meta jkun teknikament impossibbli li tintbagħat talba għal verifika għal raġunijiet oħra għajr minħabba ħsara f'xi komponent tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jew tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, it-trasportatur għandu jinnotifika lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 14.

3. It-trasportatur għandu jinforma lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS, permezz tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 14, hekk kif il-kwistjoni tkun ġiet solvuta.

L-unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-impossibbiltà li dan it-trasportatur jibgħat it-talba għal verifika.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 14, l-eu-LISA għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS għodda għall-ħruġ tal-biljetti. Din l-għodda għandha toffri aċċess għar-reġistru tat-trasportaturi.

5. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tirrikonoxxi l-wasla tan-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 14

Għajnuna lit-trasportaturi

1. Bħala parti mill-għodda għall-ħruġ tal-biljetti, għandha tkun disponibbli formola tal-web għat-trasportaturi fuq sit web pubbliku sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jitolbu assistenza.

Il-formola tal-web għandha tippermetti li t-trasportaturi jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' identifikazzjoni tat-trasportatur;

(b) sommarju tat-talba;

(c) jekk it-talba hijiex ta' natura teknika u, f'każ bħal dan, id-data u l-ħin ta' meta nqalgħet il-kwistjoni teknika.

2. It-trasportaturi għandhom jirċievu konferma tal-wasla tat-talba mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Din il-wasla tat-talba għandu jkun fiha n-numru tal-biljett.

3. Jekk it-talba għall-assistenza tkun ta' natura teknika, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat it-talba lill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli biex tipprovdi l-assistenza teknika lit-trasportaturi.

4. Jekk it-talba għall-assistenza ma tkunx ta' natura teknika, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tassisti lit-trasportaturi billi tindikalhom l-informazzjoni rilevanti.

5. Fejn ikun teknikament impossibbli li tintalab assistenza f'konformità mal-paragrafu 1 bl-użu tal-formola tal-web, it-trasportatur għandu jkun jista' juża linja tat-telefon ta' emerġenza mqabbda mal-Unità Ċentrali tal-ETIAS jew mal-eu-LISA.

6. L-assistenza pprovduta mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u mill-eu-LISA għandha tkun disponibbli 24/7 u pprovduta bl-Ingliż.

7. L-unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tagħmel disponibbli online lista ta' mistoqsijiet u tweġibiet frekwenti rilevanti għat-trasportaturi. Din il-lista għandha tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Għandha tkun separata mill-mistoqsijiet u t-tweġibiet rilevanti għall-vjaġġaturi.

Artikolu 15

Aċċess għas-servizz web minn ċittadini ta' pajjiżi terzi

1. Meta jivverifikaw il-bqija tal-jiem tas-soġġorn awtorizzat permezz ta' aċċess sigur għall-Internet għas-servizz web, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jindikaw l-Istat Membru tad-destinazzjoni.

2. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jdaħħal id-*data* li ġejja fis-servizz web:

(a) it-tip u n-numru tad-dokument jew id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument jew id-dokumenti tal-ivvjaġġar;

(b) b'mod fakultattiv, id-data maħsuba tad-dħul jew tal-ħruġ jew it-tnejn, issettjata bħala l-Ħin tal-Ewropa Ċentrali b'mod prestabbilit, li tista' tiġi editjata mill-utent;

(c) l-Istat Membru tad-destinazzjoni.

3. Is-servizz web għandu jipprovdi waħda mit-tweġibiet li ġejjin:

(a) "OK" u l-jiem li jifdal tas-soġġorn awtorizzat;

(b) "MHUX OK" u l-ebda jum ta' soġġorn awtorizzat li jifdal;

(c) "Mhux disponibbli".

4. Fejn jiġi pprovdut l-għadd ta' jiem ta' soġġorn awtorizzat li jifdal, is-servizz web għandu jindika li l-għadd ta' jiem ġie kkalkulat abbażi tad-data prevista tad-dħul ipprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u li l-għadd effettiv ta' jiem li jifdal jista' jvarja skont id-data effettiva tad-dħul.

5. Fejn ma tkun ġiet ipprovduta l-ebda data prevista tad-dħul miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, is-soġġorn awtorizzat li jifdal għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-data kalendarja tat-talba. F'dan il-każ, is-servizz web għandu jindika li l-għadd ta' jiem li jifdal għal soġġorn awtorizzat ġie kkalkulat abbażi tad-data kalendarja tat-talba.

6. Matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226, meta ma tkun teżisti l-ebda *data* fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz, it-tweġibiet għat-talbiet għal verifika għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) Soġġorn awtorizzat: OK;

(b) Jiem li fadal: informazzjoni mhux disponibbli, inkluża nota li tiddikjara li s-soġġorni li seħħew qabel ma bdiet topera s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ma ġewx ikkunsidrati.

7. Wara l-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226, it-tweġibiet għat-talbiet għal verifika għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli li ġejjin:

(a) meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun fadallu jiem suffiċjenti ta' soġġorn awtorizzat, it-tweġiba għandha tkun:

   (i) Soġġorn awtorizzat: OK;

   (ii) Jiem li fadal: il-jiem li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ikkalkulati mis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ;

(b) meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun eżawrixxa parti mis-soġġorn awtorizzat u jkun beħsiebu jibqa' għal soġġorn itwal mis-soġġorn awtorizzat, it-tweġiba għandha tkun:

   (i) Soġġorn awtorizzat: MHUX OK;

   (ii) Jiem li fadal: 0;

(c) meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun eżawrixxa l-jiem kollha tas-soġġorn awtorizzat, it-tweġiba għandha tkun:

   (i) Soġġorn awtorizzat: MHUX OK;

   (ii) Jiem li fadal: 0;

(d) meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal obbligu ta' viża u ma jkollux viża valida jew il-viża tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata, jew ikollu viża b'validità territorjali limitata li ma tikkorrispondix għall-Istat Membru tad-destinazzjoni inserit, it-tweġiba għandha tkun:

   (i) Soġġorn awtorizzat: MHUX OK;

   (ii) Jiem li fadal: 0;

(e) meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal obbligu ta' viża u ma jkollu l-ebda awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar valida jew ikollu awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar li tkun skadiet, jew tkun ġiet revokata nkella annullata, it-tweġiba għandha tkun:

   (i) Soġġorn awtorizzat: MHUX OK;

   (ii) Jiem li fadal: 0;

(f) meta ma jkun hemm l-ebda dħul fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ għal ċittadin ta' pajjiż terz li jkun detentur ta' viża għal soġġorn qasir, l-għadd ta' jiem li jifdal għandu jkun limitat skont id-data ta' skadenza tal-viża għal soġġorn qasir. Fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-viża, wara l-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, l-għadd ta' jiem li jifdal għandu jkun limitat skont id-data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, filwaqt li jitqiesu l-perjodu tranżitorju u l-perjodu ta' konċessjoni msemmija fl-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2018/1240.

8. Is-servizz web għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali liċ-ċittadin ta' pajjiż terz kif ġej:

(a) f'post prominenti, l-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli l-kalkolu tas-soġġorn;

(b) qrib il-kamp tad-*data* fejn għandu jiddaħħal in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar, li d-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jintuża għall-finijiet tas-servizz web għandu jkun wieħed mid-dokumenti tal-ivvjaġġar użati għal soġġorni preċedenti;

(c) il-lista tal-Istati Membri;

(d) ir-raġunijiet kollha possibbli għaliex tiġi riċevuta t-tweġiba: "Informazzjoni mhux disponibbli";

(e) għandu jkun hemm dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà ġenerali li tiddikjara b'mod ċar li t-tweġiba "OK/NOT OK" ma tistax tiġi interpretata bħala deċiżjoni li tippermetti jew tirrifjuta d-dħul fiż-Żona Schengen;

(f) ir-reġim applikabbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu ekwivalenti għal dak ta' ċittadini tal-Unjoni skont ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiż terz, min-naħa l-oħra u li ma jkollhomx karta ta' residenza skont id-Direttiva 2004/38/KE jew permess ta' residenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 ([20]).

Artikolu 16

Żamma ta' reġistrazzjonijiet għall-operazzjonijiet ta' proċessar tad-data

Għall-finijiet tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tal-Artikolu 45c(8) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Unità Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollha aċċess għar-reġistrazzjonijiet meħtieġa għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinżammu mill-eu-LISA.

Artikolu 17

Tħassir tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1224

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1224 jitħassar.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin li għandhom japplikaw mid-data tal-bidu tal-operazzjonijiet tal-VIS skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1134:

([19]) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

(a) l-Artikolu 1 sa fejn jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 767/2008;

(b) l-Artikolu 2 sa fejn jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 767/2008;

(c) l-Artikolu 3(2), (3);

(d) l-Artikolu 5(1)(f)(5);

(e) l-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu; (2) it-tieni subparagrafu; (4) it-tieni subparagrafu;

(f) l-Artikolu 6(2), (4), (5);

(g) l-Artikolu 8(1), (4) sa fejn jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 767/2008;

(h) l-Artikolu 10(1) sa fejn jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 767/2008;

(i) l-Artikolu 13(1) sa fejn jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 767/2008;

(j) l-Artikolu 16 sa fejn jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN